MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

16 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-7.30 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-7.33am. Is-Sindku irringrazzja għan-nom tas-Sinjura Mifsud lil kulħadd li fehmu s-sitwazzjoni u li din kienet l-ewwel darba fl-istorja ta' kemm ilhom fil-Kunsill, inkluż is-Segretarju Eżekuttiv, li nqalet emerġenza l-aħħar mument, propju l-aħħar minuti. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjura Connie Scerri, is-Sur Alex Mangion u l-Perit Schembri li sal-bidu tal-laqgħa kienu għadhom ma daħlux.

## 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

38.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fiċ-ċirkustanzi kulħadd skużat.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

38.2.1 Il-Minuti ġew approvati.

## 38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

38.3.1 *Ħ'Attard Subbuteo Club*

Is-Sur Cordina qal li bħas-sena l-oħra dan il-klabb qed jitlob l-għajnuna sabiex titħallas il-kera ta' € 600 u li jekk jaqblu dawn jistgħu jittieħdu mill-fondi tar-Reġjun. Qal li mill-fondi tar-Reġjun se jittieħed il-ko-finanzjament tal-Uffiċċini u hemm xi flejjes oħra li hemm bżonn għaċ-Ċentru t'informazzjoni u jibqa' dan l-ammont b'xi ammont żgħir li jista' joħroġ mil-baġit tal-Kunsill. Kulħadd qabel.

## 38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

38.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet min-naħa tal-Kunsilliera.

## 38.5 Approvazzjoni ta' Rapporti tal-Evalwazzjoni Tenders

38.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li quddiemha għandha żewġ rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tenders: Wieħed minnhom kellu bħalha evalwaturi lil Christopher Falzon, Remigio Bartolo u Dr. Helen Caruana u bħalha Ċermen lis-Sur Stefan Cordina L-evalwazzjoni saret nhar l-10 ta' Diċembru 2021. Qalet li dan it-tender tal-Ġbir ta' Skart Domestiku kien sole bid u l-bidder kien Veladrian's għall-fini ta' minuti, bil-prezz ta' €913.50 kuljum exkluż il-VAT. Il-proċess mexa xorta normali fejn ġiet iċċekkjata l-amministrattività u teknikalità tad-dokumentazzjoni kollha sottomessa. Kollox kien konformi ma' dak mitlub fit-tender w'għaldaqstant l-evalwaturi mexxew biex jagħlqu l-proċess. Hi talbet li l-Kunsill japprova dan ir-rapport. Kulħadd qabel.

It-Tieni rapport kien dak tal-Uffiċċini tal-Kunsill fejn il-proċess mexa in line mar-rapport tal-PCRB fejn fakkret lil kulħadd fl-appell li kien hemm. L-Evalwazzjoni kienet din id-darba maqsuma fuq tliet darbiet fit-12 ta' Novembru, fit-23 ta' Novembru u fit-3 ta' Diċembru. Il-Bord li kien compost minn Adrian Mifsud, Duncan Hall, il-Perit Giorgio Schembri u Alex Mangion biċ-Ċermen ikun is-Sur Duncan Hall waslu għall-konklużjoni li l-bażi tal-evalwazzjoni għandha tkun dak li ntqal fir-rapport tal-evalwazzjoni irrelevanti mill-perjodu ta' kjarifika u kif ġew sottomessi id-dokumenti li kienu teknikament validi. Ghaldaqstant ir-rakkomandazzjoni tal-Bord hi li t-tender tingħata lill-FES Projects Limited għall-prezz ta' €243, 792.28c eskluż VAT. Kulħadd qabel.

Il-Perit Schembri daħal f'dan il-mument 7.39am.

## 38.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

38.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li taħt *items* oħra għandha l-approvazzjoni tar-rapport tat-tielet kwart tas-sena Lulju – Settembru 2021 li għandu bilanċ pożittiv ta' 12%. Qalet li l-fondi ħadu ħsiebhom biex f'Jannar li ġej ikollhom naqra iktar biex jaħdmu. Hi talbet l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport.
Kulħadd qabel li jiġi approvat.

38.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandha wkoll korrispondenza mingħand Michelle Agius Portelli rigward komunikazzjoni li rċieva s-Sindku. Is-Sur Cordina qal li rċieva talba mingħand resident li għandu t-tifla taħdem go stabbiliment u li qegħda taħt skema ta' ħaddiema fil-komunità immexxija mid-District Operations Limited. Din il-kumpanija ssib opportunità ta' xogħollijiet aħjar. Is-Sur Cordina kompla jgħid li dan ir-resident talbu biex it-tifla tiegħu tiġi assenjata mal-Kunsill. Hu qal li għamilha ċara mill-ewwel li l-Kunsill mhux lest jimpjega lil xi ħadd hekk minħabba l-kriterji marbuta bil-liġi ma' ingaġġ ta' ħaddiema u lanqas hu lest joħroġ paga extra hekk. Il-Kunsill kiteb lura lid-District Operations Limited biex jassigura ruħu li l-ħlas għandu jkun tal-Performance Bonus biss €450 u li ma jiġix daru mal-ħajt wara tant żmien li jrid jimpjega bilfors a deskapitu ta' impjieġ bir-rekwiżiti kif jixtieq il-Kunsill. Dan ħa jerġa' jiġi ċċekjat u jiġi nfurmat id-Dipartiment qabel u naturalment dan biex jekk jiġi mpjegat xi ħadd ma jkunx daqshekk limitat. Is-Sur Victor Galea saqsa jekk din il-persuna hix *special needs*. Is-Sur Cordina qal li le għax hi ħadmet f'diversi stabbilimenti imma xi forma ta' diżabilità mhux fiżika għandha. Ħadmet bħalha skrivana u jekk tiġi assenjata xi tip ta' xogħol bħal *filing* u hekk tista' tingħata opportunità wkoll biex tkun t'għajnuna fil-Kunsill.

L-Avukat Brincat saqsa jekk hemmx l-obbligu ta' mpieġ wara erba' snin. Is-Sur Cordina qal li ha jiċċekkja dan sew għax jekk is-sistema hi bħal ħaddiema li jaħdmu fit-toroq tar-raħal allura m'hemmx għalxiex il-Kunsill m'għandux jieħu l-opportunità offruta. Hu qal biss li xtaq iżomm lill-Kunsill infurmat b'dan.

38.6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet ukoll li xtaqet tinfurma l-Kunsill li peress li waslu biex jibdew ix-xogħol fuq il-proġett tal-Information Centre fiċ-ċedola ta' pagament setgħu isibu l-ammont ta' pre-financing ta' € 16,665.90 li nħareġ mill-Kunsill lill-EUPAYMEAE sabiex jitħallas lill-kuntrattur. Spjegat kif dan l-ammont għandu jiġi kopert mill-Planning Development Fund hekk

kif jiġi ffirmat il-kuntratt wara li diġà hemm commitment min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-flus miżmuma minn dan il-fond għall-żewġ proġetti maġġuri.

## 38.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

38.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bieraħ filgħaxija bgħatitilhom ukoll l-iskeda ta' pagament tal-*Petty Cash* biex dejjem iżommhom aġġornati bl-infieq. Is-Sur Cordina saqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet fuq xi ċedola. Ma kienx hemm intervernti u allura dawn ġew approvati.

## 38.8 Mozzjonijiet; u

38.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 38.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

38.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.48am u ġiet aġġornata għat-12 ta' Jannar 2022 fil-5.30pm

Konfermati, illum 12 ta' Jannar 2022.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv